MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Numru. 613/2009

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jesmond Borg)**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**AMADEO BRINCAT**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Amadeo Brincat, dak iz-zmien ta' 18-il sena, bin il-mejjet Amadeo u Ruth nee Camilleri, imwieled il-Pieta fis-6 ta' Gunju, 1991, li joqghod fil-fond numru: 87, 'Moon', Triq il-Polverista, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0290591(M) gie akkuzat :

a) talli nhar id-19 ta' Gunju, 2009, ghal habta ta' 1-10.30 ta' filghaxija, filwaqt li kont fl-inhawi tal-ponta ta' l-Isla, permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta, minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja ta' Keith Vella minn L-Isla, f'periklu car, ikkagunajtlu ferita ta' natura gravi f'ghonqu, skond ma ccertifikat Dr. Agnes Cachia M.D., mill-isptar Mater Dei, liema ferita iggiblu debulizza permanenti, mankament jew sfreggju fl-ghonq;

b) Barra minn dan, akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gibt ruhek b'tali mod li kkagunajt lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta int kont taf jew imissek kont taf li, b'tali mgieba tieghek, ser tikkaguna lil haddiehor biza;

c) Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi, filwaqt li kont fl-inhawi tal-ponta ta' l-Isla, fil-hin ta' matul il-lejl, volontarjament ksirt il-Bon Ordni u l-kwiet tal-Pubbliku;

d) u aktar akkuzat talli fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi ghedt kliem oxxen, indecenti u dagha;

e) Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi ingurajt jew heddidt lil Keith Vella, meta pprovokat, b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

f) u aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, filwaqt li kont fl-inhawi tal-Ponta ta' L-Isla, kellek fil-pussess tieghek, kellek taht il-kontroll tieghek, jew garrejt barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, armi u armi ohra rregolari minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-Art.533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-art 412 (C) tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija mitluba illi barra Ii taghti l-piena stabbilita bil- Ligi, tapplika ukoll l-Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna hawn fuq indikata.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda bil-gurament;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tad-9 ta` Gunju 2011 li jinsab *a folio* 159 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar id-19 ta` Gunju 2009, ghall-habta ta` l-10.30pm l-imputat kien fil-kumpanija tas-siehba tieghu Giorgiana Gerada, u ta` xi hbieb bl-isem ta` John Baptist Degiorgio u Fabian Brincat. Huma kienu fl-inhawi tal-ponta ta` l-Isla. L-imputat kien ilu xi ftit granet jiffrekwenta lil Giorgiana Gerada. Dawn ilkoll kienu minn Bormla. Gara illi, ghal xi xhur qabel ma bdiet tiffrekwenta lill-imputat,

din Giorgiana Gerada kienet tohrog ma certu Keith Vella mill-Isla, maghruf ukoll bhala l-Walker. Jidher illi Keith Vella seta kien qed ibati xi ftit tal-gelozija. Fid-data, lok u hin in kwistjoni, meta Keith Vella kien fil-kumpanija ta` numru ta` hbieb bl-isem ta` Joseph u Glenn maghrufa ta` Mamri u iehor maghruf bhala l-Bakkarell, ilkoll dawn mill-Isla, inqalet glieda bejn dawn iz-zewg gruppi ta` guvintur bil-konsegwenza li Keith Vella, John Baptist Degiorgio u l-imputat sofrew griehi. Il-pulizija giet mgharrfa b'din il-glieda u bdiet tinvestiga. Irrizulta wkoll li l-vettura li kien qed jaghmel uzu minnha John Baptist Degiorgio sofriet hsarat estensivi. F'din il-glieda jidher li kien intuza xi turnavit peress illi t-tlett persuni feruti kellhom , fost ohrajn, griehi kompatibbli ma uzu ta` xi haga bil-ponta bhal turnavit. Mill-investigazzjonijiet kondotti, l-pulizija kienet tal-fehema li ghandha tressaq lill-imputat biex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet aktar il-fuq indikati.

**Ikkunsidrat**;

Illi din il-Qorti fliet sew ir-rizultanzi processwali u dahlet *funditus* fuq id-depozizzjonijiet moghtija bil-gurament u qieset sew id-dokumentazzjoni esebita in atti. Mir-relazzjoni tal-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri (*a folio* 183 *et sequitur*) gie stabbilit illi fil-glieda in kwistjoni, Amadeo Brincat, John Baptist Degiorgio u Keith Vella sofrew numru ta` griehi diversi, fosthom ukoll griehi kompatibbli ma uzu ta` strument bil-ponta – li f'dan il-kaz gie deskritt minn xi xhieda bhala turnavit.

Mid-depozizzjonijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni kif ukoll dawk tad-difiza hareg b'mod konvincenti illi kien Keith Vella, flimkien ma shabu, li aggredew minghajr ma kienu gew ipprovokati, lil Amadeo Brincat u lil siehbu John Baptist Degiorgio. L-indikazzjonijiet cari huma li t-turnavit identifikat fil-kommossjoni kien fil-pussess ta` Keith Vella. Gie stabbilit, kif gia inghad, mit-Tabib Mario Scerri, li Amadeo Brincat u siehbu John Baptist Degiorgio sofrew griehi kompatibbli ma uzu ta` arma, bhal turnavit. Kollox jindika illi kien Keith Vella li mar u aggredixxa, flimkien ma shabu, lil Amadeo Brincat u lill-siehbu John Baptist Degiorgio. Kollox jindika wkoll illi l-kommossjoni sussegwenti giet ipprovokata minn Keith Vella u shabu, waqt liema kommossjoni, apparti li sofra xi feriti l-istess Keith Vella, hareg car illi Amadeo Brincat u John Baptist Degiorgio ghamlu minn kollox biex jaharbu (fis-sens illi jitilqu biex jevitaw aktar attakki fuqhom) minn fuq il-post.

Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-imputazzjonijiet dedotti ma humiex sostenibbli mir-rizultanzi processwali.

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI ssib u tiddikjara lil Amadeo Brincat mhux hati ta` l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u minnhom tilliberah skond il-ligi**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------